# O Żmien Ħelu...

## ...Il-Forn tal-Mulejja

*tagħrif u ritratti minn Raymond C. Xerri, BA(USA), ECSch(FRG), DDS*




Il-Forn tal-Mulejja fir-raħal tal-Qala. Dan jinsab fit-Triq il-Forn (x'aktarx it-triq issemmiet għall-istess forn snin ilu) eżattament wara l-Knisja Arċipretali fil-qiegħ ta' għolja, il-lum imdawwar bil-bini. Sa issa ħadd ma jaf eżattament meta nbena dan il-Forn, pero skond is-sid tal-Forn, Karmena Buttigieg, ċertu Ġużepp Falzon (in-nannu tagħha) li għex u miet (1890) f'Marsilja fi Franza kien jgħid li l-Forn kien mibni minn qabel ma twieled il-bużnannu tiegħu. Jien ikkalkulajt madwar il-bidu tas-seklu sittax (bejn 1700-1750) jiġifieri dan il-forn huwa ta' żmien il-Kavalieri tal-Ordni ta' San Ġwann u possibilment qabel ukoll. L-arkitettura tal-bini u l-istess forn huwa sempliċi ħafna u t-tip ta' materjal użat huwa ġebel tal-qawwi minn barra u franka minn ġewwa maqtugħ irregularment jew anke kif instab oriġinarjament. Dan jurina li l-Forn x'aktarx inbena meta ma kienx għad hawn għodda li taqta' l-ġebel għall-bini. Il-Forn għandu kisja madum taċ-ċaqquf minn barra (materjal li ma għadux jinħadem bħalu), u tip kisja tafal maħdum fuq ġewwa.

Fl-imgħoddi dan il-Forn kien it-tieni l-iktar post importanti fir-raħal wara l-Knisja, dan għaliex il-ħobż kien l-ikel essenzjali għad-dieta ta' kulħadd u kien il-post fejn kien jinħadem u jissajjar kważi l-ħobż kollu tar-raħal. In-nisa u t-tfal tal-Qala u tal-irħula ta' madwar kienu jqumu fil-għodu kmieni għall-quddies u wara jerħulha fl-egħlieqi u l-irdumijiet biex jaqtgħu xi qatta xewk b'idejhom. Dan kien isir l-iktar mill-fqar li ma kienx ikollhom flus biex jaħsbu għall-ħobż, għalhekk kienu jieħdu qatta xewk magħhom biex il-furnara jkollha biex issajjar il-ħobż. Erħielu jċaqċaq ix-xewk u jfaqqa' l-ħatab tal-ħarrub, lewż u bajtar niexef. Imbagħad kienu jinġabru u jqattgħu xi ftit siegħat jpaxpxu fuq xi ħadd, fuq il-faċendi, u l-ġrajjiet tal-imgħoddi ta' kuljum. Kienet ħajja sempliċi u ta' tbatija però kienu dejjem ferħana, bi tbissima u jgħannu xi għanja.

Mill-ġurnata ta' qabel il-furnara kienet tqabbad ħuġġieġa fil-forn, tagħlaq il-bieba, tkaħħalha u tħalliha ssaħħan il-forn sa fil-għodu kmieni. Kienet issir ħuġġieġa oħra din id-darba iżgħar, għall-forn ta' l-ewwel u tirrepeti l-istess proċess għal kull forn ħobż li jsir. Forn ħobż kien jikkonsisti f'madwar mitt ħobża. Kien jinħadem ħobż ta' kull daqs, forma, togħma u ftajjar tal-ġbejniet jew tal-inċova. X'ingħidu għar-riħa u togħma ta' ħobż msajjar fil-ħatab! O żmien ħelu.... fejn int?



*Il-lasta, pala u forkettin li kienu l-għodda prinċipali li kien juża l-furnar biex idaħħal u joħroġ il-ħobż mill-forn.*



*Il-lembijiet mimlija tqiq bil-ħmira lesta biex tintagħġen.*



*Il-miżien u l-kejl antik li kien jintuża biex isiru diversi daqsijiet u skond it-toqol il-prezz.*



*Il-bieba tal-forn imkaħħla biex il-forn jibqa sħun matul il-lejl.*



*Il-ħobż li għadu kif ħareġ mill-forn jiġi mwaqqaf biex il-qalba ma' tinġabarx f'balla.*



*Ħobż ta' kull forma u daqs mifrux fuq il-pjanċi tal-ħadid.*